



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Baġits

2010/0303(COD)

16.6.2011

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Baġits

għall-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li
jemenda r-Regolament (KE) Nru 1406/2002 li jstabbilixxi *Aġenzija Ewropea
għas-Sigurtà Marittima*
(COM(2010)0611 – C7-0343/2010 – 2010/0303(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Jutta Haug

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

L-għan tal-miżura proposta huwa li temenda r-Regolament 1406/2002 billi tiċċara l-kompiti u r-rwol eżistenti tal-EMSA kif ukoll billi testendi l-kompiti tal-EMSA għal oqsma ġodda fuq il-livell internazzjonali u/jew tal-UE li għadhom qed jiġu żviluppati.

Aspetti ġenerali u l-grupp ta' ħidma interistituzzjonali dwar l-aġenziji

Ir-rapporteur ħadet nota tajba tal-estensjoni proposta tal-ħidmiet, u tal-valutazzjoni tal-impatt tal-Kummissjoni li saret f'dan ir-rigward. Hija tixtieq tiġbed l-attenzjoni tal-kumitati BUDG u TRAN li għandhom isiru iktar valutazzjonijiet tal-impatt dwar l-opportunità u l-konsegwenzi ta' kull xogħol addizzjonali li jiġi propost mill-kumitat responsabbli (ara wkoll id-dokument tal-ħidma mir-rapporteur prinċipali u l-opinjoni tal-KESE), inkluż f'termini baġitarji u ta' persunal, skont l-Approċċ Komuni Interistituzzjonali għall-Valutazzjoni tal-Impatt (IA) li jirrigwarda emendi sostantivi.

Ir-rapporteur hija tal-opinjoni li l-avvanz tax-xogħlijiet tal-grupp ta' ħidma interistituzzjonali, jagħmilha possibli wkoll li jiġu integrati l-ewwel konklużjonijiet dwar kwistjonijiet ta' governanza li diġà jinstabu fl-opinjoni attwali. Dawn il-konklużjonijiet diġà ġew approvati minn tliet istituzzjonijiet fl-aħħar laqgħa tagħhom fit-23 ta' Marzu 2011. Huma rriżultaw fl-emendi li ġejjin li jittrattaw dwar:

- it-titjib tal-poteri ta' skrutinju tal-Parlament dwar l-istrategġija multiannwali tal-aġenzija (opinjoni) u l-programm annwali ta' ħidma,
- il-monitoraġġ tax-xogħlijiet tal-bord tal-ġestjoni u l-kompetenzi rispettivi meħtieġa tal-membri tiegħu,
- it-twaqqif ta' bord eżekuttiv,
- il-prevenzjoni ta' kunflitt tal-interessi fi ħdan il-bord tal-ġestjoni,
- l-istabbiliment ta' indikaturi biex jassessjaw il-prestazzjoni tal-aġenzija,
- l-evalwazzjoni regolari tal-aġenzija.

Kwistjonijiet baġitarji

Dwar kwistjonijiet baġitarji relatati, ir-rapporteur identifikat il-bżonn ta' aktar kjarifika fid-dikjarazzjoni finanzjarja u l-implikazzjonijiet baġitarji tal-proposta:

- Id-dikjarazzjoni finanzjarja tidher żbaljata peress li jissemma impjieġ addizzjonali fid-DĠ MOVE li iżda diġà ġie assenjat lill-ġestjoni tal-attività. Ir-rapporteur se tiżgura li dan ma jirriżultax fi nfiq addizzjonali (l-impatt huwa xi EUR 0.5 miljun għal erbgħa snin).
- Rigward l-assenjazzjoni mill-ġdid ta' 6 membri tal-persunal fi ħdan l-aġenzija biex din tkun tista' tlaħħaq mal-kompiti l-ġodda, jeħtieġ ikun hemm iktar kjarifika dwar l-għażla taż-żmien u l-attivitajiet li minnhom ħa ssir l-assenjazzjoni mill-ġdid.
- Jeħtieġ li jkun hemm iktar informazzjoni dwar l-implikazzjoni preċiża tas-sors tal-kompiti l-ġodda tal-aġenziji li mhumiex inklużi fir-regolament: is-sezzjonijiet relatati mal-'element uman' u l-'e-maritime' fl-istrategġija multiannwali tal-bord amministrattiv.
- Finalment, se jiġi eżaminat x'wieħed jista' jistenna minn kollezzjoni ta' ħlasijiet li joriġinaw mill-iskambju ta' data marittima, u wkoll x'garanzija hemm li l-awtorità leġiżlattiva tkun tista' tiddeċiedi dwar xi sors ieħor ta' dħul għall-aġenzija, minkejja l-kliem ġenerali tad-dispożizzjoni l-ġdida.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Baġits jistieden lill-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1

Abbozz ta' risoluzzjoni leġislattiva Paragrafu 1 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. Jenfasizza li l-punt 47 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja u ġestjoni finanzjarja soda għandu japplika għall-estensjoni tal-funzjonijiet tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima; jenfasizza li kull deċiżjoni tal-awtorità leġislattiva favur din it-tip ta' estensjoni ta' dawn il-kompiti għandha tkun mingħajr preġudizzju għad-deċiżjonijiet tal-awtorità baġitarja fil-kuntest tal-proċedura baġitarja annwali;

Ġustifikazzjoni

Biex tirrepeti l-prerogattivi baġitarji tal-Parlament.

Emenda 2

Proposta għal regolament – att li jemenda Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(3) Fuq il-bażi tas-sejbiet tal-evalwazzjoni esterna, tar-rakkomandazzjonijiet mill-Bord Amministrattiv u tal-istrateġija multiannwali, uħud mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1406/2002 għandhom jiġu ċċarati u aġġornati. Barra minn hekk, l-Aġenzija għandha tirċievi numru ta' kompiti addizzjonali li jirriflettu l-iżvilupp tal-politika dwar is-sikurezza marittima fuq il-livell tal-UE u dak internazzjonali. Huma meħtieġa sforzi

(3) Fuq il-bażi tas-sejbiet tal-evalwazzjoni esterna, tar-rakkomandazzjonijiet mill-Bord Amministrattiv u tal-istrateġija multiannwali ***li ġiet adottata minn dak il-Bord f'Marzu 2010***, uħud mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1406/2002 għandhom jiġu ċċarati u aġġornati. Barra minn hekk, l-Aġenzija għandha tirċievi numru ta' kompiti addizzjonali li jirriflettu l-iżvilupp tal-politika dwar is-sikurezza marittima fuq il-

konsiderevoli ta' eżamijiet bir-reqqa u ta' riallokazzjoni sabiex tkun iggarantita l-effiċjenza fl-infiq u fil-baġit. Dan għandu jippermetti li terz mill-ħtiġijiet addizzjonali f'termini ta' persunal għall-kompiti l-ġodda jkunu koperti mill-Aġenzija permezz ta' riallokazzjoni interna.

livell tal-UE u dak internazzjonali. Huma meħtieġa sforzi konsiderevoli ta' eżamijiet bir-reqqa u ta' riallokazzjoni sabiex tkun iggarantita l-effiċjenza fl-infiq u fil-baġit. Dan għandu jippermetti li terz mill-ħtiġijiet addizzjonali f'termini ta' persunal għall-kompiti l-ġodda jkunu koperti mill-Aġenzija permezz ta' riallokazzjoni interna.

Ġustifikazzjoni

L-att legali għandu jkun preċiż biżżejjed meta jkun qed jirreferi għas-sors tal-kontenut.

Emenda 3

Proposta għal regolament – att li jemenda Paragrafu 14 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(14a) Għandhom jitqiesu r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li japplika għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej¹ (Regolament Finanzjarju), u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu, u l-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja u ġestjoni finanzjarja soda² (IIA tas-17 ta' Mejju 2006), u b'mod partikolari l-punt 47 tiegħu.

¹ *ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.*

² *ĠU L 139, 14.6.2006, p. 1.*

Ġustifikazzjoni

Għandha ssir referenza għar-Regolament Finanzjarju (art 185) u għall-Ftehim interistituzzjonali dwar il-ġestjoni baġitarja u d-dixxiplina baġitarja (Art. 47) bħala l-bażi legali għall-istabbiliment ta' aġenzija ġdida tal-UE.

Emenda 4

Proposta għal regolament – att li jemenda

Artikolu 1 – punt 3 - punt a

Regolament (KE)1406/2002

Artikolu 10 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

(a) **Il-punt** (c) għandu jiġu **sostitwit** b'dan li ġej:

'(c) jeżamina, fil-qafas tal-preparazzjoni tal-programm ta' ħidma, talbiet mingħand l-Istati Membri għal assistenza teknika, kif inhu msemmi fl-Artikolu 2(3);

(ca) jadotta strateġija multiannwali għall-Aġenzija li tkopri perjodu ta' ħames snin bil-quddiem fejn jieħu inkunsiderazzjoni ***l-opinjoni*** tal-Kummissjoni;

(cb) jadotta l-pjan ta' politika multiannwali tal-persunal tal-Aġenzija;”

Emenda

(a) ***il-punti (b) u*** (c) ***għandhom*** jiġu ***sostitwiti*** b'dan li ġej:

'(b) jaddotta r-rapport annwali fuq l-attivitajiet tal-Aġenzija u jgħaddih l-iktar tard sal-15 ta' Ġunju lill-Parlament Ewropew, lill- Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Awdituri u lill-Istati Membri.

Kull sena l-Aġenzija għandha tgħaddi kull informazzjoni *fir-rigward* tar-riżultati tal-proċeduri tal-kalkoli lill-awtorità tal-baġit;

(c) jeżamina, fil-qafas tal-preparazzjoni tal-programm ta' ħidma, talbiet mingħand l-Istati Membri għal assistenza teknika, kif inhu msemmi fl-Artikolu 2(3);

(ca) jadotta strateġija multiannwali għall-Aġenzija li tkopri perjodu ta' ħames snin bil-quddiem fejn jieħu inkunsiderazzjoni ***l-opinjonijiet tal-Parlament u*** tal-Kummissjoni;

(cb) jadotta l-pjan ta' politika multiannwali tal-persunal tal-Aġenzija;”

Ġustifikazzjoni

L-ewwel modifika għandha l-għan li tiċċara li l-Aġenzija nnifisha ma tistax tikkunsidra dak li hu relevanti għall-Parlament. It-tieni għandha l-għan li tħaddan fir-regolament il-fatt li l-Parlament għandu jiġi konsultat għall-adozzjoni tal-istrateġija multiannwali tal-aġenziji (IWG).

Emenda 5

Proposta għal regolament – att li jemenda

Artikolu 1 – punt 3 - punt d a (ġdid)

Regolament (KE)1406/2002

Artikolu 10 – paragrafu 2– punt (h)

(da) il-punt (h) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

'(h) iwettaq id-dmirijiet tiegħu f'relazzjoni mal-baġit tal-Aġenzija skont l-Artikoli 18, 19 u 21 u jissorvelja u joffri segwitu adegwat tas-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet li joriġinaw mid-diversi rapporti u evalwazzjonijiet ta' verifika, kemm dawk interni, kif ukoll dawk esterni;'

Ġustifikazzjoni

Għall-pussess u għal segwitu aħjar tas-sejbiet tal-verifika u tal-evalwazzjonijiet, il-Bord Amministrattiv, li d-Direttur irid jagħti rendikont lilu, għandu jiġi affidat espliċitament bil-monitoraġġ tagħhom (IWG).

Emenda 6

**Proposta għal regolament – att li jemenda
Artikolu 1 – punt 3 a (ġdid)
Regolament (KE)1406/2002
Artikolu 11**

(3a) L-Artikolu 11 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

'1. Il-Bord Amministrattiv għandu jkun kompost minn rappreżentant wieħed minn kull Stat Membru u erba' rappreżentanti tal-Kummissjoni, kif ukoll erba' professjonisti mis-setturi l-aktar ikkonċernati, innominati mill-Kummissjoni, mingħajr id-dritt għall-vot.

Il-Membri tal-bord għandhom jiġu appuntati a bażi tal-lawrea tagħhom ta' esperjenza relevantiv fil-kamp tas-

sigurtà u l-prevenzjoni marittima ta' tniġġis mill-vapuri. Huma għandhom ukoll ikollhom il-ħiliet maniġerjali, amministrattivi u baġitarji biex iwettqu l-kompiti elenkati fl-Artikolu 10.

Il-Membri tal-Bord Amministrattiv għandhom jagħmlu dikjarazzjoni bil-miktub dwar l-obbligi u dikjarazzjoni bil-miktub li tindika kwalunkwe interess dirett jew indirett li għandu jitqies ta' preġudizzju għall-indipendenza tagħhom. Huma għandhom f'kull laqgħa jiddikjaraw kull interess li jista' jitqies ta' preġudizzju għall-indipendenza tagħhom f'rabta mal-punti fuq l-aġenda u jastjenu milli jipparteċipaw fid-diskussjonijiet u fil-votazzjonijiet dwar dawn il-punti.'

(b) il-paragrafu 3 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

'3. Id-dewmien tat-terminu tal-kariga huwa ta' erba' snin. It-terminu tal-mandat jista' jiġġedded darba.'

Ġustifikazzjoni

Il-ħiliet tal-membri tal-Bord Amministrattiv għandhom ikunu konformi mal-funzjonijiet li ġew assenjati lilhom. Minbarra dan, għandu jkun hemm dispożizzjoni bl-għan li tipprevjoni kull kunflitt tal-interess u d-dewmien tal-mandat għandu jkun skont l-aġenziji l-oħra' (IWG).

Emenda 7

**Proposta għal regolament – att li jemenda
Artikolu 1 – punt 3 b (ġdid)
Regolament (KE)1406/2002
Paragrafu 14 a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(3b) L-artikolu li ġej għandu jiddaħħal:

'Artikolu 14a

Bord ta' Tmexxija

1. Għandu jiġi stabbilit Bord ta' Tmexxija, magħmul minn membri tal-Bord Amministrattiv li jinkludu żewġ

rappreżentanti tal-Kummissjoni. Id-daqs tiegħu m'għandux ikun iktar minn terz ta' dak tal-Bord Amministrattiv. Għandu jiltaqa' għallanqas kull erba' xhur.
2. Il-Bord ta' Tmexxija għandu jkollu mandat formali ċar mill-Bord Amministrattiv. Il-kompiti tiegħu għandhom jinkludu l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet tal-Bord Amministrattiv, ta' kwistjonijiet amministrattivi u baġitarji f'isem il-Bord Amministrattiv, u d-deċiżjonijiet preparatorji, il-programmi u l-attivitajiet li għandhom jiġu adottati mill-Bord Amministrattiv. Il-Bord ta' Tmexxija għandu jagħti rendikont lill-Bord Amministrattiv; f'dan il-kuntest, huwa għandu jissottometti rapport ta' attività lil kull laqgħa tal-Bord Amministrattiv.'

Ġustifikazzjoni

Għandu jiġi stabbilit bord ta' tmexxija bl-għan li jinforza s-superiżjoni tal-ġestjoni amministrattiva u baġitarja permezz tal-preparazzjoni tad-deċiżjonijiet tal-Bord Amministrattiv (IWG).

Emenda 8

Proposta għal regolament – att li jemenda

Artikolu 1 – punt 4 - punt (a)

Regolament (KE)1406/2002

Artikolu 15 – paragrafu 2– punti (a) u (b)

Test propost mill-Kummissjoni

(a) Fil-paragrafu 2, il-punti (a) u (b) għandhom jiġu sostitwiti b'dan li ġej:
'(a) għandu jipprepara l-istrateġija multiannwali tal-Aġenzija u jressaqha quddiem il-Bord Amministrattiv wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni għall-inqas tmien (8) ġimgħat qabel il-laqgħa tal-Bord rilevanti;
(aa) għandu jipprepara l-pjan ta' politika multiannwali tal-persunal tal-Aġenzija u jressqu quddiem il-Bord Amministrattiv wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni;

Emenda

(a) Fil-paragrafu 2, il-punti (a) u (b) għandhom jiġu sostitwiti b'dan li ġej:
'(a) għandu jipprepara l-istrateġija multiannwali tal-Aġenzija u jressaqha quddiem il-Bord Amministrattiv wara konsultazzjoni **mal-Parlament u** mal-Kummissjoni għall-inqas tmien (8) ġimgħat qabel il-laqgħa tal-Bord rilevanti;
(aa) (aa) għandu jipprepara l-pjan ta' politika multiannwali tal-persunal tal-Aġenzija u jressqu quddiem il-Bord Amministrattiv wara konsultazzjoni mal-

(ab) għandu jipprepara l-programm ta' ħidma annwali u l-pjan dettaljat għall-attivitajiet tal-istat ta' tħejjija u tar-reazzjoni għat-tniġġis tal-Aġenzija, u jressaqhom quddiem il-Bord Amministrattiv wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni mill-inqas tmien (8) ġimġhat qabel il-laqgħa tal-Bord rilevanti. Huwa għandu jieħu l-passi meħtieġa għall-implimentazzjoni tagħhom. Huwa għandu jirrispondi għal kwalunkwe talba għal assistenza mingħand Stat Membru skont l-Artikolu 10(2)(c);

(b) għandu jiddeċiedi li jwettaq l-ispezzjonijiet ipprovduti fl-Artikolu 3, wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni u f'konformità mar-rekwiżiti msemmija fl-istess Artikolu 3. Huwa għandu jikkoopera mill-qrib mal-Kummissjoni fil-preparazzjoni tal-miżuri msemmija fl-Artikolu 3(2);”

Kummissjoni;
(ab) għandu jipprepara l-programm ta' ħidma annwali, ***filwaqt li jindika r-riżorsi umani u finanzjarji li ġew antiċipati u allokati għal kull attività***, u l-pjan dettaljat għall-attivitajiet tal-istat ta' tħejjija u tar-reazzjoni għat-tniġġis tal-Aġenzija, u jressaqhom quddiem il-Bord Amministrattiv wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni mill-inqas tmien (8) ġimġhat qabel il-laqgħa tal-Bord rilevanti. ***Huwa għandu jwieġeb b'mod pożittiv għal kull stedina mill-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew biex jippreżenta u jagħmel skambju ta' fehmiet dwar il-programm annwali tax-xogħol***. Huwa għandu jieħu l-passi meħtieġa għall-implimentazzjoni tagħhom. Huwa għandu jirrispondi għal kwalunkwe talba għal assistenza mingħand Stat Membru skont l-Artikolu 10(2)(c);

(b) għandu jiddeċiedi li jwettaq l-ispezzjonijiet ipprovduti fl-Artikolu 3, wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni u f'konformità mar-rekwiżiti msemmija fl-istess Artikolu 3. Huwa għandu jikkoopera mill-qrib mal-Kummissjoni fil-preparazzjoni tal-miżuri msemmija fl-Artikolu 3(2);”

Ġustifikazzjoni

L-ewwel modifika għandha l-għan li tħaddan fir-regolament il-fatt li l-Parlament għandu jiġi konsultat sabiex jadotta l-istrateġija multiannwali tal-aġenziji (IWG). It-tieni hija skont il-prinċipji tal-ABM-ABB: il-programm ta' ħidma tal-Aġenzija u r-rapport annwali tal-attività għandhom jipprovdu informazzjoni dwar ir-riżorsi li ġew allokati għal attivitajiet li huma neċessarji biex jilhqqu l-oġġettivi tal-Aġenzija. It-tielet għandha l-għan li tifformalizza l-prattika li jkun hemm skambju ta' ideat bejn id-Direttur u l-kumitat kompetenti dwar il-programm annwali ta' ħidma.

Emenda 9

Proposta għal regolament – att li jemenda

Artikolu 1 – punt 4 - punt (b)

Regolament (KE)1406/2002

Artikolu 15 – paragrafu 2– punt (d)

Test propost mill-Kummissjoni

'(d) għandu jorganizza sistema effettiva ta' monitoraġġ sabiex ikun jista' jipparaguna l-kisbiet tal-Aġenzija mal-għanijiet u mal-kompiti tagħha stabbiliti f'dan ir-Regolament. Huwa għandu jiżgura ruħu li l-istruttura organizzattiva tal-Aġenzija se tiġi adattata b'mod regolari għall-ħtiġijiet li jevolvu skont ir-riżorsi finanzjarji u umani disponibbli. Fuq din il-bażi, kull sena d-Direttur Eżekuttiv għandu jipprepara abbozz ta' rapport ġenerali u jressqu quddiem il-Bord Amministrattiv. Ir-rapport għandu jinkludi sezzjoni apposta dwar l-eżekuzzjoni finanzjarja tal-pjan dettaljat għall-attivitajiet tal-istat ta' thejjiġa u tar-reazzjoni għat-tniġġis tal-Aġenzija u għandu jagħti aġġornament tal-istatus tal-azzjonijiet kollha ffinanzjati taħt dak il-pjan. Huwa għandu jistabbilixxi proċeduri regolari ta' evalwazzjoni li jilhq standards professjonali rikonoxxuti;"

Emenda

'(d) "(d) għandu jorganizza sistema effettiva ta' monitoraġġ sabiex ikun jista' jipparaguna l-kisbiet tal-Aġenzija mal-għanijiet u mal-kompiti tagħha stabbiliti f'dan ir-Regolament. ***Għal dan il-għan, huwa għandu jistabbilixxi, bi ftehim mal-Kummissjoni, l-indikaturi ta' prestazzjoni li huma adattati sabiex jippermettu l-assessjar effettiv tar-riżultati akkwistati.*** Huwa għandu jiżgura ruħu li l-istruttura organizzattiva tal-Aġenzija se tiġi adattata b'mod regolari għall-ħtiġijiet li jevolvu skont ir-riżorsi finanzjarji u umani disponibbli. Fuq din il-bażi, kull sena d-Direttur Eżekuttiv għandu jipprepara abbozz ta' rapport ġenerali u jressqu quddiem il-Bord Amministrattiv. Ir-rapport għandu jinkludi sezzjoni apposta dwar l-eżekuzzjoni finanzjarja tal-pjan dettaljat għall-attivitajiet tal-istat ta' thejjiġa u tar-reazzjoni għat-tniġġis tal-Aġenzija u għandu jagħti aġġornament tal-istatus tal-azzjonijiet kollha ffinanzjati taħt dak il-pjan. Huwa għandu jistabbilixxi proċeduri regolari ta' evalwazzjoni li jilhq standards professjonali rikonoxxuti;"

Ġustifikazzjoni

Konformi mal-prinċipji ta' ġestjoni bbażata fuq l-attività u baġetjar ibbażat fuq l-attività, il-programm ta' ħidma tal-Aġenzija u r-rapport annwali tal-attività għandhom jipprovdu informazzjoni dwar ir-riżorsi allokatati għal attivitajiet li huma neċessarji biex jilhq l-oġġettivi tal-Aġenzija u dwar il-prestazzjoni ġenerali biex jintlaħqu dawn l-oġġettivi.

Emenda 10

Proposta għal regolament – att li jemenda

Artikolu 1 – punt 5

Regolament (KE)1406/2002

Artikolu 16 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Id-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija

AD\870380MT.doc

Emenda

1. Id-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija

11/17

PE462.817v02-00

għandu jinħatar u jitkeċċa mill-Bord Amministrattiv. Il-ħatra għandha ssir minn lista ta' kandidati proposti mill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin fuq il-bażi tal-mertu u ta' ħiliet amministrattivi u manigġerjali ddokumentati, kif ukoll fuq il-bażi ta' kompetenza u ta' esperjenza rilevanti għas-sikurezza marittima, għas-sigurtà marittima, għall-prevenzjoni tat-tniġġis ikkawżat mill-bastimenti u għar-reazzjoni għat-tniġġis marin. Qabel il-ħatra, il-kandidat magħżul mill-Bord Amministrattiv jista' jiġi mistieden jagħmel dikjarazzjoni quddiem il-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew u jwieġeb għall-mistoqsijiet li jagħmlulu l-membri tiegħu. Il-Bord Amministrattiv għandu jieħdu d-deċiżjoni tiegħu b'maġġoranza ta' erbgħa minn kull ħames membri mill-membri kollha li jkolhom id-dritt tal-vot.

għandu jinħatar u jitkeċċa mill-Bord Amministrattiv. Il-ħatra għandha ssir minn lista ta' kandidati proposti mill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin fuq il-bażi tal-mertu u ta' ħiliet amministrattivi u manigġerjali ddokumentati, kif ukoll fuq il-bażi ta' kompetenza u ta' esperjenza rilevanti għas-sikurezza marittima, għas-sigurtà marittima, għall-prevenzjoni tat-tniġġis ikkawżat mill-bastimenti u għar-reazzjoni għat-tniġġis marin. Qabel il-ħatra, il-kandidat magħżul mill-Bord Amministrattiv jista' jiġi mistieden jagħmel dikjarazzjoni quddiem il-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew u jwieġeb għall-mistoqsijiet li jagħmlulu l-membri tiegħu. ***L-opinjoni tiegħu, jekk ikun hemm waħda, għandha titqies qabel il-ħatra formali.*** Il-Bord Amministrattiv għandu jieħdu d-deċiżjoni tiegħu b'maġġoranza ta' erbgħa minn kull ħames membri mill-membri kollha li jkolhom id-dritt tal-vot.

Ġustifikazzjoni

Għandu jkun mgħarraf b'mod espliċitu li kull opinjoni tal-Parlament dwar il-kandidat magħżul għandha titqies qabel il-ħatra.

Emenda 11

Proposta għal regolament – att li jemenda

Artikolu 1 – punt 5

Regolament (KE)1406/2002

Artikolu 16 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-Bord Amministrattiv, li jaġixxi fuq proposta tal-Kummissjoni, filwaqt li jieħu inkunsiderazzjoni r-rapport ta' evalwazzjoni jista' jestendi l-mandat tad-Direttur Eżekuttiv għal mhux ikar minn ***tliet*** snin. Il-Bord Amministrattiv għandu jieħdu d-deċiżjoni tiegħu b'maġġoranza ta' erbgħa minn kull ħames membri mill-

Emenda

2. Il-Bord Amministrattiv, li jaġixxi fuq proposta tal-Kummissjoni, filwaqt li jieħu inkunsiderazzjoni r-rapport ta' evalwazzjoni jista' jestendi l-mandat tad-Direttur Eżekuttiv għal mhux ikar minn ***ħames*** snin. Il-Bord Amministrattiv għandu jieħdu d-deċiżjoni tiegħu b'maġġoranza ta' erbgħa minn kull ħames

membri kollha li jkolhom id-dritt tal-vot. Il-Bord Amministrattiv għandu jinforma lill-Parlament Ewropew bl-intenzjoni tiegħu li jestendi l-mandat tad-Direttur Eżekuttiv. Fi żmien xahar qabel l-estensjoni tal-mandat tad-Direttur Eżekuttiv, huwa/hija j/tista' j/tiġi mistieden/mistiedna j/tagħmel dikjarazzjoni quddiem il-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew u j/twieġeb għall-mistoqsijiet li jagħmlulu/ħa l-membri tiegħu. Jekk il-mandat ma jkunx estiż, id-Direttur Eżekuttiv għandu/ħa j/tibqa' fil-kariga tiegħu/tagħha sakemm jinħatar is-suċċessur tiegħu/tagħha.

membri mill-membri kollha li jkolhom id-dritt tal-vot. Il-Bord Amministrattiv għandu jinforma lill-Parlament Ewropew bl-intenzjoni tiegħu li jestendi l-mandat tad-Direttur Eżekuttiv. Fi żmien xahar qabel l-estensjoni tal-mandat tad-Direttur Eżekuttiv, huwa/hija j/tista' j/tiġi mistieden/mistiedna j/tagħmel dikjarazzjoni quddiem il-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew u j/twieġeb għall-mistoqsijiet li jagħmlulu/ħa l-membri tiegħu. ***L-opinjoni tiegħu, jekk ikun hemm waħda, għandha titqies qabel il-ħatra formali.*** Jekk il-mandat ma jkunx estiż, id-Direttur Eżekuttiv għandu/ħa j/tibqa' fil-kariga tiegħu/tagħha sakemm jinħatar is-suċċessur tiegħu/tagħha.

Ġustifikazzjoni

It-tiġdid tal-mandat tad-Direttur għandu jkun għall-istess perjodu ta' żmien bħall-ewwel mandat. Għandu jkun mgħarraf b'mod espliċitu li kull opinjoni mogħtija mill-Parlament dwar il-kandidat magħżul għandha titqies qabel il-ħatra.

Emenda 12

Proposta għal regolament – att li jemenda

Artikolu 1 – punt 6 a (ġdid)

Regolament (KE)1406/2002

Artikolu 18 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(6a) Fl-Artikolu 18, il-paragrafu 3 għandu jiġu sostitwit b'dan li ġej:

'3. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jfassal abbozz ta' dikjarazzjoni ta' estimi tad-dħul u l-infiq tal-Aġenzija għas-sena ta' wara, fuq il-bażi ta' bbaġittjar ibbażat fuq l-attività, u għandu jgħaddiha lill-Bord Amministrattiv, flimkien ma' abbozz bil-pjan ta' stabbiliment.'

Ġustifikazzjoni

Kif inhu konformi mal-prinċipji tal-ġestjoni bbażata fuq l-attivitajiet u l-baġit skont l-

attivitajiet (ABM-ABB), il-baġit tal-Aġenzija għandu jkun ibbażat espliċitament fuq l-għanijiet u l-attivitajiet tal-Aġenzija, filwaqt li jstabilixxi konnessjoni bejn il-Missjoni u l-objettivi u l-attivitajiet u r-riżorsi tal-Aġenzija.

Emenda 13

Proposta għal regolament – att li jemenda

Artikolu 1 – punt 6 b (ġdid)

Regolament (KE)1406/2002

Artikolu 18 – paragrafi 7 u 8

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(6b) Fl-Artikolu 18, il-paragrafi 7 u 8 għandhom jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

'7. Id-dikjarazzjoni ta' l-estimi għandha tintbagħat mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (minn hawn "il quddiem imsejjaħ l-awtorità tal-budget) flimkien ma' l-abbozz [...] tal-budget ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea.

8. Fuq il-bażi tad-dikjarazzjoni tal-estimi, il-Kummissjoni għandha ddaħħal fl-abbozz [...] tal-budget ġenerali tal-Unjoni Ewropea l-estimi li tqis neċessarji għall-pjan ta' stabbiliment u l-ammont ta' sussidju li se jkun mitlub mill-budget ġenerali, li se tressaq quddiem l-awtorità tal-budget skont l-Artikolu 314 tat-TFUE, flimkien ma' deskrizzjoni ta' u ġustifikazzjoni ta' kull differenza bejn id-dikjarazzjoni tal-istimi tal-Aġenzija u s-sussidju li se jkun mitlub mill-baġit ġenerali.'

Ġustifikazzjoni

L-ewwel parti tal-emenda tirreferi għall-applikazzjoni tan-nomenklatura tat-Trattat ta' Liżbona. It-tieni għandha l-għan li ttipprovi l-awtorità baġitarja b'informazzjoni adegwata meta l-istimi tal-Aġenzija ġew modifikati mill-Kummissjoni.

Emenda 14

Proposta għal regolament – att li jemenda

Artikolu 1 – punt 6 c (ġdid)

Regolament (KE)1406/2002

Artikolu 18 – paragrafu 10

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(6c) Fl-Artikolu 18, il-paragrafu 10 għandu jiġu sostitwit b'dan li ġej:

'10. Il-baġit għandu jkun addottat mill-Bord Amministrattiv. Dan għandu jsir finali wara l-adozzjoni finali tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea. Fejn ikun hemm bżonn, se jkun aġġustat skont hekk, *flinkien mal-programm annwali tal-ħidma.*'

Ġustifikazzjoni

Dan għandu l-għan li jipprevjeni, f'każ ta' qtugħ baġitarju sinifikanti, l-Aġenzija ssib ruħha li jkollha l-istess xogħlijiet u attivitajiet b'riżorsi mnaqqsa b'mod sinifikanti.

Emenda 15

Proposta għal regolament – att li jemenda

Artikolu 1 – punt 7

Regolament (KE)1406/2002

Artikolu 22 – paragrafi 1 u 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(7) Fl-Artikolu 22, **il-paragrafu 1 għandu jiġu sostitwit** b'dan li ġej:

'1. F'intervalli regolari u għall-inqas kull ħames snin, il-Bord Amministrattiv għandu jikkummissjona evalwazzjoni esterna indipendenti dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Aġenzija kwalunkwe informazzjoni li din tal-aħħar tikkunsidraha rilevanti għal dik l-evalwazzjoni.'

(7) Fl-Artikolu 22, **il-paragrafi 1 u 2 għandhom jiġu sostitwiti** b'dan li ġej:

'1. F'intervalli regolari u għall-inqas kull ħames snin, il-Bord Amministrattiv għandu jikkummissjona evalwazzjoni esterna indipendenti dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Aġenzija kwalunkwe informazzjoni li din tal-aħħar tikkunsidraha rilevanti għal dik l-evalwazzjoni.'

2. Dik l-evalwazzjoni għandha tassessja l-utilità, ir-relevanza, il-valur miżjud li ġie akkwistat u l-effiċenza tal-Aġenzija u l-prattiki tal-ħidma tagħha. L-evalwazzjoni għandha tikkunsidra l-fehmiet tal-partijiet interessati, kemm fuq livell Ewropew kif ukoll fuq livell nazzjonali. Hija għandha, b'mod partikolari, tindirizza l-ħtieġa possibli li timmodifika jew testendi l-kompiti tal-Aġenzija jew li ttemm l-attivitajiet tagħha jekk ir-rwol tagħha jsir superfluwu.'

Ġustifikazzjoni

Għandu jissewma li evalwazzjonijiet regolari jistgħu jirriżultaw ukoll sabiex il-kompiti jew l-eżistenza tal-Aġenzija jiġu kkunsidrati mill-ġdid, jekk dan jirriżulta li hu meħtieġ.

PROCĊEDURA

Titolu	Emenda tar-Regolament (KE) Nru 1406/2002 li jistabbilixxi <i>Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima</i>
Referenzi	COM(2010)0611 – C7-0343/2010 – 2010/0303(COD)
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	TRAN 10.11.2010
Kumitat(i) mitlub(a) jagħti/u opinjoni Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	BUDG 10.11.2010
Rapporteur(s) Data tal-ħatra	Jutta Haug 18.11.2010
Data tal-adozzjoni	15.6.2011
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 37 –: 1 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Damien Abad, Alexander Alvaro, Marta Andreasen, Francesca Balzani, Reimer Böge, Lajos Bokros, Andrea Cozzolino, Jean-Luc Dehaene, Isabelle Durant, James Elles, Göran Färm, José Manuel Fernandes, Eider Gardiazábal Rubial, Salvador Garriga Polledo, Jens Geier, Ivars Godmanis, Estelle Grelier, Jutta Haug, Monika Hohlmeier, Sidonia Elżbieta Jędrzejewska, Anne E. Jensen, Sergej Kozlík, Jan Kozłowski, Alain Lamassoure, Giovanni La Via, Vladimír Maňka, Barbara Matera, Claudio Morganti, Nadezhda Neynsky, Miguel Portas, László Surján, Helga Trüpel, Angelika Werthmann, Jacek Włosowicz
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Frédéric Daerden, Edit Herczog, Jan Mulder, María Muñiz De Urquiza